TAL-PIETA`

MINUTI

Id-disa' Legislatura - SEDUTA Nru. 26

L-Erbgha, 5 ta' Awwissu, 2026

Il-Kunsill Lokali ta' Tal-Pieta` ltaqa' fl-Ufficcju tieghu, 11, Il-Pellikan, Triq K. Mifsud, Tal-Pieta` fil-5.00 p.m.

PREZENTI

Kienu prezenti s-Sindku Stefano Savo, il-Vici Sindku Saviour Azzopardi u l-Kunsillieri, Ryan Douglas Tanti, Josef Fitzpatrick, Charles Grech u Mark Pisani.

Il-Kunsillier Colin Bowman informa li kien imsiefer.

TALBA

Is-Sindku qal it-talba.

1. MINUTI

1.1 Il-minuti tas-Seduta Nru. 25 li saret nhar l-Erbgha, 1 ta' Lulju, 2026, kienu approvati.

2. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

2.1 Il-Kunsillier Colin Bowman informa li kien imsiefer u ghalhekk gie skużat.

3 HWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI

3.1 ***EV Charging Pillars fi Triq San Girgor mill-OHSA***. Is-Sindku informa lill-Kunsill li kienet saret il-laqgha mal-OHSA u li ghaliha kien preżenti wkoll il-President tal-AKL, is-Sur Mario Fava. Gie spjegat li l-policy tal-Gvern hija li Agenziji u Dipartimenti tal-Gvern jixtru electric vehicles u li ghalhekk ghandu jkollhom charging pillars. Sadanittant, fil-garage ma jistghux jiġu installati charging pillars. Huma nfurmaw ukoll li ma kenux se jitolbu li jittiehed il-parking ta' faċċata tal-garage. Gie aċċettat ukoll minnhom li meta ma jkunx hin l-ufficju, kif ukoll Sibtijiet u Hdud, jistghu jaghmlu uzu miz-zewg parkeġġi ir-residenti. Jekk jaghmlux uzu minnhom residenti li ghandhom electric vehicles jew residenti kollha, hija f'idejn il-Kunsill, dejjem bil-konferma ta' TM.

3.2 ***Gieh Tal-Pieta`***. Is-Sindku informa li s-Sur Edward Schembri kien aċċetta u rringrazzja lill-Kunsill ghal dan l-*award*.

3.3 ***Barriers fi Triq ix-Xatt***. Is-Sindku informa li TM kienu se jaraw on site il-htiega ta' dawn il-barriers.

4 QUARTERLY FINANCIAL REPORT JAN-GUN 2026

4.1 Tressaq quddiem il-Kunsill il-Quarterly Financial Report ghal perjodu Jan-Gun 26. Is-Segretarju Ezekuttiv ta' spjega ta' dan ir-rapport. Gie nnuttat il-fatt li sa nofs is-sena, il-Kunsill kien irreġistra surplus ta' €62,622 u li n-net current assets tal-Kunsill sal-ahhar ta' Gunju kien €188,855.

Is-Sindku, ssekondat mill-Vici Sindku, ppropona li dan id-dokument jigi approvat. (Appendici A) Il-Kunsill approva unanimament dan ir-rapport.

5 JUM IL-LOKALITA`

5.1 Is-Sindku ppropona li l-attivita` ta' Jum il-Lokalita` issir nhar is-Sibt, 19 ta' Settembru u ssir simili ghal dik li saret is-sena l-ohra fuq iz-zuntier tal-knisja. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

6 KORRISPONDENZA

6.1 Ma kienx hemm korrispondenza x'titressaq.

7 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

7.1 **Bike rack and maintenance point**: Is-Sindku qal li r-Regjun se jaghti fondi sabiex issir din bike rack and maintanace point. Il-Kunsill irid jidentifika post fejn din tista' titpoġġa. Kien hemm qbil li din titqieghed fil-gnien tat-Torpedo Depot.

7.2 **Laqgha ma' Infrastructure Malta**: Is-Sindku qal li IM kienu se jibdew ix-xoghlijiet fi Triq San Lawrenz u fi Triq Blackley, f'nofs Awwissu. Lejn l-ahhar tas-sena se jibdew ix-xoghlijiet fi Triq Pietru Xuereb, inkluż l-area l-gdida tad-dahla ghal flats il-godda. Huwa talab lil IM sabiex il-bankini fi Triq Blackley isiru bl-imprint concrete. Dwar Triq Blackley hemm ukoll l-issue dwar il-qlib tat-triq li ghandha tiġi studjata sew qabel issir it-triq.

7.3 **Laqgha dwar il-permessi tal-PA u l-UCA**: Is-Sindku informa li kienet ser issir laqgha marr-residenti interessati dwar il-permessi tal-PA kif ukoll dwar l-area tal-UCA. Il-laqgha ser issir nhar il-25 ta' Awwissu fis-7pm ġewwa Sala Yvonne.

7.4 **Dog Wash**: Is-Sindku informa li kienet kellmitu persuna fuq idea rigward station li titpogga ximkien fil lokalita, fejn f'dawn ix-xhur ta shana, sidien ta klieb ikunu jistghu jahslu l kelb taghhom wara mixja.

8 MISTOQSIJIET

8.1 Il-Vici Sindku qal li hemm scaffolding quddiem żvilupp li qed isir fi Triq ix-Xatt u li ghandu l-parti t'isfel imdawra bin-netting kif jitolbu l-PA u l-BCA. Minhabba li qed jakkumula l-iskart wara din in-net, il-kuntrattur intalab jikxef parti minn din in-net iżda dan ma setghax minhabba li obbligat jaghmilha. Qed jiġi diskuss b'korrispondenza mal-BCA, x'jista' jsir sabiex dan il-hmieg ma jibqax jakkumula hawn.

8.2 Il-Vici Sindku qal li hemm hanut fi Triq ix-Xatt li qed ihalli bandiera tperper ghat-triq u li qed tkun ta' periklu ghas-sewwieqa.

8.3 Il-Kunsillier Douglas Tanti ressaq quddiem il-Kunsill petizzjoni mir-residenti sabiex terga tinfetah kif kienet, it-triq hdejn il-Kappella tad-Duluri. Is-Sindku qal li ghaddejja diskussjoni ma' TM u IM dwar dan u sadanittant tintbghat din il-petizzjoni.

9 APPROVAZZJONI GHAX-XIRI TA' OGGETTI/SERVIZZI

9.1 Ma kienx hemm il-htiega ghal approvazzjoni ghax-xiri ta' oġġetti/servizzi.

10 APPROVAZZJONI TAL-HLASIJIET FIX-*SCHEDULE OF PAYMENTS*

10.1 Is-Sindku ssekondat mill-Vici Sindku, ressaq mozzjoni sabiex jigi approvat il-hlas tal-pagamenti li huma mnizzla fuq ix-*Schedule of Payments* Nru. 25. Il-mozzjoni ghaddiet *nem.con.*

11. TMIEM

11.1 Fis-6.30pm intemmet is-Seduta. Kien hemm qbil li s-seduta li jmiss issir nhar l-Erbgha, 2 ta' Settembru, 2026, fil-5.00pm.

Simon Cauchi
Segretarju Ezekuttiv

Konfermati:

Stefano Savo
Sindku